MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANNA FELICE

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2014

Rikors Numru. 656/2005

**Kunsill Lokali Zejtun**

**vs**

**Direttur tad-Dipartiment tal-Kostruzzjoni u Manutenzjoni, Taqsima Xogholijiet**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tal-Kunsill Lokali Zejtun li permezz tieghu, wara li ppremetta illi:

Il-Kunsill esponenti gie notifikat bl-ittra ufficjali datata l-24 ta' Gunju 2005 ta' l-intimat Direttur tad-Dipartiment tal-Kostruzzjoni u Manutenzjoni, Taqsima Xogholijiet, f'liema ittra l-Kunsill esponenti qed jintalab ihallas is-somma ta' Lm34,935.51 filwaqt li giet annessa dikjarazzjoni guramentata ghall-finijiet u effetti ta' l-artikolu 466 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta (kopja ta' l-istess qed jigu ezibiti bhala KZ1 u KZ2);

Il-Kunsill esponenti qed jipprevalixxi ruhu mit-tieni subartikolu ta' l-istess artikolu 466 sabiex jopponi l-istess talba;

Il-Kunsill esponenti jirrileva illi l-ammont mitlub mid-Direttur intimat huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt ghas-segwenti ragunijiet;

It-talba tad-Direttur intimat hija preskritta stante li x-xoghlijiet li dwarhom qed jintalab hlas saru qabel is-sena 1998 u ghalhekk ghaddew aktar minn sentejn minn meta saru l-istess xogholijiet u ghalhekk huwa applikabbli l-perjodu preskrittiv provdut fl-artikolu 2149(a) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-premess ebda hlas ma huwa dovut stante li x-xogholijiet in kwistjoni ma sarux skond is-sengha u l-arti u skond kif miftiehem bil-konsegwenza li l-Kunsill esponenti kellu jaghmel mill-gdid certu xogholijiet, filwaqt li fir-rigward ta' xogholijiet ohra m'huwa dovut ebda hlas mill-Kunsill esponenti stante li dawn kienu jiffurmaw parti mill-progetti li kienu qed isiru mill-Gvern Centrali.

Talab lil din il-Qorti:

Tiddikjara bhala nfondata t-talba tad-Direttur tad-Dipartiment tal-Kostruzzjoni u Manutenzjoni, Taqsima Xogholijiet, ghal pagament ta’ Lm34,935.51 mitluba minghand l-esponenti permezz ta’ ittra ufficjali tieghu ta’ l-24 ta’ Gunju 2005, bl-ispejjez kontra l-istess Direttur intimat.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta tad-Direttur tad-Dipartiment tal-Kostruzzjoni u Manutenzjoni, Taqsima Xogholijiet li wiegeb illi:

1. L-ammont ta’ erbgha u tletin elf, disa’ mija u hamsa u tletin lira Maltin u wiehed u hamsin centezmu (Lm34,935.51) huwa rapprezentanti l-prezz ta’ materjal, xogholijiet, u diversi servizzi provduti lill-Kunsill Lokali taz-Zejtun mid-Dipartiment esponenti.

2. Skond l-Artikolu 466(2) d-debitur irid jipprova li t-talba li saret permezz ta’ ittra ufficjali mahruga a tenur ta’ l-artikolu 466 mhix wahda fondanta.

3. Id-Direttur intimat jirreleva illi l-artikolu dwar il-preskrizzjoni mressaq mill-Kunsill rikorrenti u cioe’ l-artikolu 2149(a) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta mhuwiex applikabbli ghall-kaz odjern stante li t-talba ta’ l-esponenti titratta fornituri ta’ materjal, xogholijiet u servizzi li jissoktaw hekk kif jirrizulta skond l-anness Statement esebit u mmarkat bhala Dok. CMD1, li dwarhom hemm dikjarazzjonijiet tad-debitur bil-miktub u kopja ta’ l-istess

qeghdin jigu esebiti bhala Dok. CMD2 u CMD3. B'hekk dan il-kaz ikun applikabbli l-artikolu 2151(2) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. It-talba kontenuta fl-ittra ufficjali mahruga mill-esponenti fi kwalunkwe kaz, mhix preskritta u dana kif sejjer jigi ppruvat waqt is-smiegh tar-rikors fl-ismijiet hawn fuq premessi.

5. Ix-xogholijiet kollha mwettqa mid-Dipartiment esponenti saru skond l-arti u s-sengha u hekk kif kien miftiehem bejn il-partijiet, wara li saret it-talba ghall-imsemmija xogholijiet mir-rikorrenti.

6. Minbarra dan kollu l-esponenti baghat numru ta' avvizi lir-rikorrenti, fosthom ittra ufficjali datata 4 t'Awwissu, 2003, u saru diversi laqghat sabiex jintlahaq ftehim u jithallas l-ammont dovut lid-Dipartiment, izda r-rikorrenti baqa' inadempjenti.

7. Ghaldaqstant id-Direttur tad-Dipartiment tal-Kostruzzjoni u Manutenzjoni jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tikkonferma li l-ammont mitlub mill-esponenti u cioe' erbgha u tletin elf, disa mija u hamsa u tletin lira Maltin u wiehed u hamsin centezmu (Lm34,935.51) rapprezentanti l-prezz ta' materjal, xogholijiet, u diversi servizzi provduti lill-Kunsill Lokali taz-Zejtun huma dovuti mill-istess Kunsill rikorrenti, bl-imghaxijiet u bl-ispejjez kontra tieghu.

Rat il-verbali tax-xhieda moghtija quddiem il-Qorti diversament presjeduta.

Rat is-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta moghtija fil-25 ta' Mejju 2012 li permezz taghha l-Qorti cahdet l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni mressqa mill-Kunsill Lokali Zejtun.

Rat id-digriet tal-Prim Imhallef datat 31 ta' Mejju 2012 li permezz tieghu l-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta llum.

Rat il-verbali tad-diversi seduti fejn il-kawza thalliet ghall-provi tal-Kunsill Lokali rikorrenti f'dawn il-proceduri.

Rat li f'ebda minn dawn is-seduti ma ngabet ebda prova mill-Kunsill Lokali.

Rat il-verbal tas-seduta tas-17 ta' Ottubru 2013 meta la ma deher ebda rapprezentant tal-Kunsill Lokali u lanqas id-difensur tal-istess Kunsill, ghaldaqstant il-Qorti qieset li dan ma kellux provi x'iressaq. Il-Qorti fliet ukoll il-provi kollha prodotti qabel ma giet deciza l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni u ma sabet fihom ebda hjiel li l-allegazzjoni tal-Kunsill li x-xogholijiet ma sarux sewwa tista' tkun fondata. Lanqas ma tressqet prova li kellu jkun il-Gvern Centrali li jhallas ghax-xogholijiet *de quo*.

Semghet lix-xhud Venera Micallef li xehedet hekk:

> *"Jiena nokkupa l-kariga ta' assistant principal fit-taqsima tax-xoghlijiet fi hdan il-Ministeru tat-Trasport u Infrastruttura. B'referenza ghall-ittra ufficcjali tal-24 ta' Gunju 2005 mahruga mid-dipartiment kontra l-kunsill lokali taz-Zejtun nghid illi l-ammont kollu ta' Lm34,935.51 ghadu dovut sal-lum. Dan jigi €81,377.94. Jiena hrigt rendikont mis-sistema dalghodu stess u qed nipprezentah u qed jigi mmarkat Dok. VX1."*

F'dawn ic-cirkostanzi, ghalhekk il-Qorti tqis li l-Kunsill Lokali Zejtun ma xejjen bl-ebda mod il-pretensjonijiet tad-Direttur intimat f'dawn il-proceduri u ghalhekk il-Qorti qeghda tichad it-talba.

Ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tilqa' r-risposta tad-Direttur tad-Dipartiment tal-Kostruzzjoni u Manutenzjoni Taqsima Xogholijiet, tichad it-talba tal-Kunsill Lokali Zejtun, bl-ispejjez kollha kontra l-istess Kunsill Lokali.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------